# Jitqaddes Ismek

Diċembru 2010 ; Ħarġa nru 11

## EDITORJAL

***"Isserħux raskom bis-serq, tittamawx fi ħwejjeġ maħtufa" (Salm 62:11)***



Ħalliel, meta dehrlu li qed jaħli ż-żmien, qal: "Mhux ***vale la pena*** li tisraq din id-dar." Skont l-aħbarijiet, dan daħal ġo dar, hedded b'mus lil Sid din id-dar u beda jfittex il-flus. Wara li qalleb id-dar ta' taħt fuq sab Lm3 żgħar, u Lm5 fil-kartiera, u xi ġojjelli ta' valur żgħir.

Il-ħalliel intebaħ li Sid id-dar kien jinsab f'qagħda mwegħra bil-wisq aktar minnu u tah lura t-Lm8 li ħadlu. Il-vittma ta' 32 sena qal: "Naħseb li ħareġ disgustat." "ma setax jemmen li jien dawk il-flus biss kelli."

Forsi nitbissmu meta naraw ix-xorti ħażina ta' dan il-ħalliel. Iżda aħna wkoll ta' spiss nagħmlu l-istess żball. Dan jiġri kull meta aħna nixtiequ xi ħaġa li Alla ma tahilniex u bis-sewwa jew bid-dnewwa, biex niksbuha, inħallu l-għira u l-ġelosija taħkimna; u naslu biex nisirqu jew nagħmlu adulerju. M'hemmx għar milli nwebbsu rasna fl-iżball, li jkunilna aktar ta' għawġ mill-qliegħ.

Is-Sultan David, l-awtur ta' dan is-salm, tgħallem dan bi spejjeż tiegħu. Meta ħa l-mara ta' Urija waqa' minn dnub għall-ieħor. Mhux talli ma sabx dik il-hena li ħolom li se jsib, imma beka biki ta' mrar! Meta ra f'liema miżerja sab ruħu, nidem, sogħbih, talab maħfra 'l Alla u niseġ bi kliem mirqum is-Salm 50: ***"Ikollok ħniena minni, o Alla fi tjubitek; u fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti ... naddafni mid-dnub tieghi".***

Missierna li inti fis-smewwiet, għani fil-ħniena, għinna nemmnu li ma jkun jiswielna xejn li nieħdu dak li Int, fil-kobor tal-Għerf tiegħek ma tajtulniex. Għinna biex ma naħlux ħajjitna niġru wara dak l-istil ta' ħajja msawwar fuq l-egoiżmu u t-tpaxxija bla rażan tal-ġid u tal-pjaċir; ***"Meta nafu li inti ħlaqtna għalik, u l-qalb tagħna ma ssibx mistrieħ jekk mhux fik biss."***

**P. Samwel Abela O.Carm**
**Editur**

**Komunita tal-Isem Imqaddes t'Alla**
**Indirizz tal-uffiċċju:**
**10, Triq Mattew Callus, Mosta.**
Tel.: 99453484.

*President:* **Giovanni Chetcuti**
*Editur:* **P. Samwel Abela O. Carm.**

**Werrej:**

Editorjal : Paġna 1
L-Onesta hi l-aħjar triq : Paġna 2
Aħbarijiet u Birthdays : Paġna 2
Attivitajiet : Paġna 3
Programm : Paġna 4

# L-ONESTA' HI L-AĦJAR TRIQ

Hemm leġġenda li tgħid li darba kien hemm sultan li kien ġeneruż ħafna u s-sudditi tiegħu, biex ipattulu kienu jieħdu pjaċir iwasslulu l-ewwel u l-aħjar frott tar-raba' tagħhom. U erħilhom imbagħad jirrakuntaw lil sħabhom il-bdiewa ... kemm dawwarhom mal-palazz, kemm stagħġeb bil-frott li jkunu tawh u kemm ħallashom bil-kbir għal dak li jkunu offrewlu.

Iżda fil-palazz kien hemm uffiċjal li ried jistagħna bil-ġenerożità tas-sultan. Beda jagħmilha iebsa għall-bdiewa li jidħlu jkellmu lis-sultan għax kien jgħidilhom: *"Illum ma jiflaħx," jew "Ma jistax jara nies għax imħabbat," jew "Għandu xi mistednin oħra."*
Il-bdiewa ntebħu li biex jaslu ħdejn is-sultan kellhom ixaħħmu lil dan l-uffiċjal u għalhekk bdew jaqsmu miegħu nofs il-premju li jirċievu. Darba ġie bidwi bi xkora dulliegħ u bettieħ u s-sultan tgħidx kemm stagħġeb bir-riħa tfuħ u iktar bit-togħma bnina ta' dan il-frott bikri.




"Xi trid bħala rigal ħabib?", staqsa s-sultan. "Tletin daqqa ta' frosta" wieġbu l-bidwi. Is-sultan tbissem. "Iva, Sire. Tini tletin daqqa ta' frosta u billi dan l-uffiċjal li huwa ħdejja miftiehem miegħi biex jieħu nofs il-premju, nixtieq li tagħti ħmistax lili u ħmistax lilu!"

***L-uffiċjal tas-sultan spiċċa bla xogħol ... għax nesa li l-onestà hi l-aħjar triq!***

***Il-Paċi Magħkom***
***Ġunju 2007, Nru 30***

**Nota: Dan il-fuljett qed ikun fil-website tal-Parroċċa tal-Mosta:**
**www.mostachurch.com**

## Aħbarijiet mill-President Giovanni Chetcuti

Matul ix-xahar ta' Novembru kellha Quddiesa u Adorazzjoni fil-knisja Arċipretali fl-ewwel Ħamis tax-xahar u kellna laqgħa ta' Talb u Quddiesa fejn sar talb għall-mejtin tagħna. Wara din il-laqgħa kellna ftit ħin biex insiru nafu aktar lil xulxin.
Fl-okkażżjoni tal-festa ta' Martin kellna Tomba u Ikla li saret f'Ta' Soldi Rest., Mġarr. Kienet lejla fejn kilna flimkien u kellna ħin għall-logħob tat-tombla.
F'dan ix-xahar kellna Weekend Break, li sar fis-Solana Hotel, Mellieħa. Kienu jumejn fejn żorna diversi postijiet. Bdejna il-ġurnata biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, wara li ħadna breakfast tajjeb u wara żorna Ta' Sliema, Limestone Heritage u Ghar lapsi. F'nofsinhar nitolbu u nieklu flimkien u wara jkollna ħin liberu. Kienu jumejn tassew sbieħ.

## Awguri f'Għeluq sninhom Diċembru

Damiana Azzopardi, Manuela Mallia, Doris Genovese, Carmen Mizzi, Jane Sciberras,
Gino Gauci, Gracie Sciberras, Katie Caligari, Mary Pullen, Emanuela Muscat, Teresa Cauchi,
Josephine Bezzina, Antonia Muscat, Tessie Micallef, Connie Muscat, Cettina Cassar,
Alfred Dimech, Yvonne Scicluna, Anna Busuttil, Margaret Cachia, Mary Mifsud, Carmen Galea,
Graziella Farrugia, Maria Catania, Maria Portelli, Carmen Aquilina, Maria Cilia.

# GURNATA FLIMKIEN

L-Hamis 2 ta' Dicembru 2010.
Palm Valley Rest., M'Scala
9:00a.m.- ara t-trasport
€14 li jinkludi t-Trasport, Te u Kafe, Pastizzi, Cake, Ghazla bejn Laham, Tigieg, jew Hut, Dezerta u rigali x'jintrebhu.

**Ikollna:**

~ Quddiesa flimkien ~
~ Tombla u Raffles b' rigali ~
~ Ikla f'Nofsinhar, Te jew Kafe Pastizzi u kejk ~
~ Ruzarju flimkien ~
~Trasport minn kull Lokalita ~

**TRASPORT:**

08:30a.m. Tluq mill-Pjazza tal-Gharghur, Naxxar u mill-Mellieha
08:45a.m. Tluq mill-R&G Iron., mill-Oratorju, minn hdejn Margaret, minn B'Kara, minn San Giljan u minn San Pawl .
09:00a.m. Tluq mill-Pjazza tal-Mosta, mill-Msida u Hal Kirkop
05:30p.m. Tmiem

---

# Quddiesa u Adorazzjoni

Il-Hamis 9 ta' Dicembru 2010
Fil-Knisja Arcipretali tal-Mosta
Fis-6:30p.m.

**Inheggu lil kull min jista biex jattendi. Waqt l-Adorazzjoni tinghad it-Talba ta' Tpattija ghad-Dagha**

---

# Laqgħa ta' Talb, Quddiesa u Party tal-Milied

**IL-Gimgha 17 ta' Dicembru 2010**
**Fl-Oratorju Qalb ta' Gesu, Mosta**
**Fis-6:00p.m.**
**Bla trasport €7 u bit-trasport €10**

- Laqgha ta' Talb u Quddiesa bi preparazzjoni ghall-Milied
- Tombla Party, Ikel u hafna rigali x'jintrebhu
- Nispiccaw ghall-10:45p.m.

**Ikel:**

*Starter:* Bicciet ta' wrap, baguette u hobz

~~~~~

*Main Course:* Timpana jew Pizza Capriciosa jew Pizza Margerita

~~~~~

Gateaux , Tazza Inbid jew Luminata

**Trasport:**

5:00p.m. Tluq minn Hal Kirkop u Mellieha
5:15p.m. Tluq minn Fleur de lys, B'Kara, San Pawl, San Giljan, Gharghur
5:30p.m. Tluq minn Naxxar

# CHRISTMAS DINNER DANCE

| | |
|---|---|
| Dati: | L-Erbgha 29 ta' Dicembru 2010 |
| Post: | Maritim Antonine Hotel, Mellieha |
| Prezz: | €23 l-kbar u €14 it-tfal |
| Hin: | 6:45p.m. Tombla ,<br>8:00p.m. Ikla u Divertiment |

***A Selection of Freshly Prepared Antipasti***
*Consisting of Seafood, Meat, and Vegetable Dishes*
*Complimented with Chilled Sauces,*
*Seasonal Dressings and Home-Made Herb Oils*
***From The Tureen***
*Cream of Vegetable Soup Served Herbed Croutons*
***From The Pasta Station***
***Elicoidali Pasta*** *served with Pancetta, Mushrooms and Tomato Sauce*
***Fusilli Pasta*** *with Genovese Pesto and Shrimp*
***From the Hot Buffet Counter***
***Grilled Dentici Fillets w****ith Tomato and Caper Sauce,*
***Sautee Chicken*** *with Mushroom Cream Sauce,*
***Roast Turkey Breast s****erved with Onion Marmalade*
***From the Carvery***
***Roast Beef topped with Herb Crust***
*Served with Roast Onion Jus, Panache of Vegetables*
*Croquettes and Oven Baked Potatoes*
***Plated Dessert***
*Tiramisu*

**~ Tombla, ~ Varjeta' minn Big John ~**
**~ Rigal lil kull min jattendi~**
**~ Rigali x'jintrebhu minn kull min jattendi ~**
**~ Celebrazzjoni ta' l-ahhar tas-sena ~**
**~ Buffett ~**

**HINIJIET TAT-TRASPORT:**

05:30p.m. Tluq mill-Gharghur, Hal Kirkop u Msida
05:45p.m. Tluq mill-pjazza tan-Naxxar, B'Kara, Fleur-de-lys, mill-R& G Ironmongery, mill-Oratorju, hdejn Margaret u SanGiljan.
06:00p.m. Trasport mill-pjazza tal-Mosta u minn S. Pawl
11:30p.m. Tmiem ta' l-attivita u trasport lura d-dar

---

# FESTA TAL-ISEM TA' ĠESU

*Il-Kumitat tax-Xirka Nazzjonali se jorganizza Celebrazzjoni flimkien ghal festa ta' l-Isem ta' Gesu*

Data: It-Tnejn 3 ta' Jannar 2011,
Post: Knisja Parrokjali, G'Mangia
Hin: Fis-6:30p.m. tluq tat-trasport mill-lokalitajiet kollha fil-5:30p.m.
Prezz: €3

Ikollna Quddiesa u wara Drink flimkien. Imheggin biex bhala membri tal-Komunita niehdu sehem f'din l-attivita Nazzjonali.

---

GHALL-BILJETTI JEW DETTALJI CEMPEL:
**Mosta:** Margaret 21410683 ; Carmena 21432074; Kanen **Naxxar** 21411864; Louise **Fleur de lys** 21491676; Guza **B'Kara** 21488822 Carmen **B'Kara** 21448710; Maria **San Pawl** 21571048; Doris **Gharghur** 27431029;Mary **San Giljan** 21359747; Carmen **Marsa** 21232071; Esther **Mellieha** 21520014; Censina **Hal Kirkop** 79433478.

## Programm ta' Diċembru

### *ATTIVITAJIET RELIĠJUŻI*

**Il-Ħamis 9 ta' Diċembru 2010**

6:30p.m. Quddiesa u Adorazzjoni, fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Wara l-Adorazzjoni tingħad it-talba ta' tpattija għad-Dagħa.

**L-Ġimgħa 17 ta' Diċembru 2010**

6:00p.m. Laqgħa ta' Talb u Quddiesa bi ħsibijiet għall-Milied. Fl-Oratorju Qalb ta' Ġesu.

Ikollna:

* Laqgħa ta' Talb, Rużarju u Quddiesa
* Wara se jkollna attivita soċjali

Dettalji f'paġna 3.

### *ATTIVITAJIET SOĊJALI*

**L-Ħamis 2 ta' Diċembru 2010**

Ġurnata Flimkien
Fil-Palm Valley Rest., M'Scala
Dettalji f'paġna 3.

**Il-Ġimgħa 17 ta' Diċembru 2010**

Party tal-Milied
Fl-Oratorju Qalb ta' Ġesu
Dettalji f'paġna 3.

**L-Erbgħa 29 ta' Diċembru 2010**

Christmas Dinner Dance
Maritim Antonine Hotel, Mellieha,
Dettalji f'paġna 3.